

Il-Ġurnal Uffiċjali C 217 A

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

10 ta' Lulju 2014

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 217 A/01	Il-Bord Uniku ta' Reżoluzzjoni — Avviż ta' Post Battal — President tal-Bord — COM/2014/10359 . .	1
2014/C 217 A/02	Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni — Avviż ta' Post Battal — Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) — COM/2014/10360.	6
2014/C 217 A/03	Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni — Avviż ta' Post Battal — Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) — COM/2014/10361	11
2014/C 217 A/04	Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni — Avviż ta' Post Battal — Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) — COM/2014/10362	16

2014/C 217 A/05	Reviżjoni tal-Ġurnali Uffiċjali C A “Kompetizzjoni”	21
-----------------	---	----

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IL-BORD UNIKU TA' REŻOLUZZJONI

AVVIŻ TA' POST BATTAL

PRESIDENT TAL-BORD

COM/2014/10359

(2014/C 217 A/01)

Il-Bord

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") bħala parti mill-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR), se jkun wieħed mill-elementi ewlenin tal-Unjoni Bankarja l-għdida tal-Ewropa, flimkien mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. L-Unjoni Bankarja hija essenzjali biex is-swieq bankarji tal-Ewropa jaħdmu aħjar, u biex tinkiser ir-rabta bejn il-banek u l-finanzi nazzjonali.

Il-MUR huwa mfassal biex jipprovdi lill-Ewropa b'qafas effiċjenti u effettiv għar-riżoluzzjoni tal-banek u jiżgura li r-regoli tar-riżoluzzjoni jiġu applikati b'mod konsistenti fiż-Żona tal-Euro u fi Stati Membri oħra parteċipanti fl-Unjoni Bankarja.

Il-Bord se jwettaq kompiti speċifiċi biex iħejji u jwettaq ir-riżoluzzjoni ta' bank li jkun qed ifalli jew li probabbli li jfalli. Se jkun stabbilit Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni taħt il-kontroll tal-Bord biex jiżgura li jkun hemm appoġġ ta' fondi disponibbli fuq perjodu medju filwaqt li tkun qed tiġi ristrutturata u/jew riżolta istituzzjoni ta' kreditu.

Il-post battal: President

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla għall-pożizzjoni ta' President tal-Bord. Il-post tal-impjeg ikun Brussell (il-Belġju), fejn il-Bord se jkollu s-sede tiegħu.

Din il-proċedura ta' għażla hija suġġetta għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-MUR. Dan tal-aħħar huwa mistenni fit-tielet kwart tal-2014.

Il-President ikun ir-rappreżentant legali u l-immaġni pubblika tal-Bord u jkun responsabbli quddiem is-sessjoni plenarja tiegħu.

Hu jkun responsabbli li:

- jaġixxi bħala kap u rappreżentant legali tal-Bord;
- iħejji x-xogħol tal-Bord u jlaqqa' u jippresjedi s-sessjonijiet plenarji u eżekuttivi tiegħu;
- jimmaniġġja l-Bord u jieħu r-responsabbiltà globali għall-operazzjonijiet tiegħu, inkluż il-persunal kollu u l-kwistjonijiet baġitarji, l-implementazzjoni tal-programm annwali ta' ħidma, u l-amministrazzjoni ta' kuljum;

- jippreżenta r-rapport annwali tal-Bord, dwar l-eżekuzzjoni tal-kompiti mogħtija lilu skont ir-Regolament dwar il-MUR, lill-Parlament Ewropew, lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
- jieħu sehem f'seduti ta' smigħ li jsiru mill-Kunsill wara talba mingħandu stess dwar l-eżekuzzjoni tal-kompiti ta' riżoluzzjoni tal-Bord;
- jipparteċipa wara talba mill-Parlament, f'seduti ta' smigħ dwar l-eżekuzzjoni tal-Bord tal-kompiti ta' riżoluzzjoni tiegħu mill-kumitati parlamentari kompetenti; u, wara talba, jorganizza diskussjonijiet kunfidenzjali orali mal-President u l-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti fejn tali diskussjonijiet huma meħtieġa biex il-Parlament jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattat; kif ukoll
- jipparteċipa, wara stedina mill-parlament nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, fi skambji ta' fehmiet, flimkien ma' rappreżentant tal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, dwar ir-riżoluzzjoni tal-entitajiet fl-Istat Membru inkwistjoni.

Il-President ikun meħjun minn Viċi President u minn persunal dedikat.

Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex jitqiesu għall-fażi tal-għażla, l-kandidati jridu jilhqqu l-kriterji formali li ġejjin sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:

- *Nazzjonalità*: ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- *Lawrja jew diploma universitarja*: ikollhom
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar; jew
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena fejn il-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża mal-esperjenza professjonali postuniversitarja meħtieġa hawn taħt);
- *Esperjenza professjonali*: ⁽¹⁾ ikollhom mill-inqas 20 sena esperjenza postuniversitarja wara l-kisba tal-kwalifika msemmija hawn fuq;
- *Esperjenza professjonali rilevanti*: mill-20 sena esperjenza professjonali, il-kandidati jridu jkun kisbu mill-inqas ħames snin ta' esperjenza f'oqsma rilevanti għas-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- *Esperjenza ta' maniġment flivell għoli*: ikollhom mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali ta' tmexxija ta' organizzazzjoni f'pożizzjoni eżekuttiva ta' livell għoli ⁽²⁾; kif ukoll
- *Lingwi*: irid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' mill-inqas lingwa uffiċjali oħra ⁽³⁾.

Ma hemm l-**ebda** limitu ta' età.

Kriterji tal-għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

- għarfien profund tas-settur bankarju u finanzjarju;

⁽¹⁾ L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data li fiha l-kandidat ikun kiseb il-kwalifika minima għal aċċess għall-profil inkwistjoni. Attivitajiet professjonali dokumentati kif xieraq biss (jiġifieri impjeg imħallas jew impjeg indipendenti) jiġu kkunsidrati. Xogħol part-time se jitqies fi proporzjon mal-perċentwal ta' sığhat ta' xogħol full-time maħduma. Perjodi ta' edukazzjoni jew taħriġ u apprendistati bla ħlas ma jitqisux. Boroż ta' studju, attivita' ffinanzjata permezz ta' għotjiet kif ukoll Dottorati jistgħu jitqiesu bħala esperjenza professjonali sa massimu ta' tliet snin.

⁽²⁾ Il-kandidati huma mitluba espliċitament li għal kull pożizzjoni ta' maniġment/ta' tmexxija miżmuma jindikaw: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet miżmuma; (2) l-għadd ta' persunal li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-bağıts immaniġjati; u (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi fuqhom u taħtom u l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽³⁾ Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58).

- esperjenza mill-aqwa f'waħda jew aktar minn dawn l-oqsma: is-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- għarfien tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll proċessi Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-Bord;
- esperjenza ta' suċċess fi rwol eżekuttiv, fit-tmexxija ta' organizzazzjoni b'għanijiet ambizzjużi u kompiti kumplessi u fid-direzzjoni tagħha għall-kisba tal-għanijiet tagħha;
- il-kapaċità li jiżviluppaw u jimplimentaw viżjoni strateġika;
- sens ta' responsabbiltà u inizzjattiva mill-aqwa;
- ħiliet ippruvati fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell operattiv;
- ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonalni eċċellenti;
- ħiliet ta' negozjar eċċellenti u l-abbiltà li jibnu relazzjonijiet ta' ħidma b'fiduċja ma' rappreżentanti għolja tal-partijiet ikkonċernati rilevanti; kif ukoll
- għarfien tajjeb tal-Ingliż u ħiliet eċċellenti ta' preżentazzjoni

Esperjenza ppruvata f'pożizzjoni ta' tmexxija f'Bank Ċentrali jew Awtorità tar-Riżoluzzjoni tkun ta' vantaġġ.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-President irid jaġixxi b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni biss u la jista' jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni Ewropea, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat.

Ladarba jinħatar, se jkun professjonista full-time u ma jista' jkollu ebda uffiċċju ieħor fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

Qabel il-ħatra tiegħu ikun meħtieġ li jissottometti:

- dikjarazzjoni ta' impenn li se jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku; kif ukoll
- dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu/tagħha.

Il-kandidati jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

L-GĦAŻLA U L-ĦATRA

1. Il-Kummissjoni Ewropea twaqqaf bord tal-għażla li jivvaluta l-applikazzjonijiet kollha. Il-kandidati li huma kkunsidrati li għandhom il-profil l-aktar xieraq għall-funzjoni ta' President tal-Bord se jissejħu għal intervista ma' dan il-bord tal-għażla.
2. Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-għażla jfassal l-ewwel lista ta' kandidati, ibbażata fuq il-merti tagħhom u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż ta' post battal.
3. Dawn il-kandidati jiġu mistiedna għal intervista ma' wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea.
4. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' dan il-proċess ta' għażla, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista mqassra ta' kandidati xierqa għall-funzjoni ta' President tal-Bord. Din il-lista mqassra tintbagħat lill-Parlament Ewropew; fl-istess ħin, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiġi mgħarraf.
5. Il-Kummissjoni Ewropea mbagħad tibgħat proposta għall-ħatra tal-President tal-Bord lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
6. Wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, il-Kunsill jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jaħtar lill-President tal-Bord. Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

Din is-sejħa għal applikazzjonijiet hija l-bażi li fuqha l-proposta tal-Kummissjoni għall-ħatra tal-President tal-Bord lill-Parlament Ewropew tiġi stabbilita. L-inklużjoni fil-lista mqassra li tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew jew fil-proposta għal ħatra mhijiex garanzija ta' ħatra. Il-kandidati għandhom jinnutaw li ladarba l-lista mqassra tiġi adottata mill-Kummissjoni, din għandha mnejn tkun disponibbli għall-pubbliku.

Opportunitajiet indaqs

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

Kundizzjonijiet tal-impjeg

Il-President jinħatar għal perjodu inizjali ta' tliet snin, li jista' jiġi estż għal ħames snin oħra, kif stipulat fir-Regolament dwar il-MUR.

Il-President jitqies fuq l-istess livell tal-Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-emolumenti u l-età pensjonabbli, kif stipulat fir-Regolament Nru 422/67/KEE⁽⁴⁾. Is-salarju tiegħu jkun ibbaż at fuq il-grad AD16, livell 3, suġġett għal fattur ta' multiplikazzjoni uguali għal 125 % tas-salarju għal dak il-grad u l-livell.⁽⁵⁾ Madankollu, hu ma jkunx soġġett għal età massima tal-irtirar. Għall-kundizzjonijiet tal-impjeg l-oħra kollha, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Aġenti Oħra japplikaw b'analoġija.

Il-post tal-impjeg huwa Brussell (il-Belġju) fejn se jkun ibbażat il-Bord.

KIF TAPPLIKA

Jekk jogħġbok hu nota:

Il-pożizzjoni tal-President hija ppubblikata flimkien mal-funzjoni ta' Viċi President u erba' funzjonijiet ta' Membru tal-Bord. Jekk tixtieq tapplika għal kwalunkwe waħda minn dawn il-funzjonijiet l-oħra (Viċi-President jew Membru tal-Bord) jkollok bżonn tagħmel applikazzjonijiet separati.

Qabel ma tippreżenta applikazzjoni, jekk jogħġbok ivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibiltà kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' kwalifiki meħtieġa kif ukoll tal-esperjenza professjonali u maniġerjali.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru permezz tal-internet fil-websajt:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-rizorsi/seniormanagementvacancies/>

Tista' tagħmel dan billi toħloq profil u ssegwi l-istruzzjonijiet.

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, trid ittella' CV f'format Word jew PDF, u tikteb ittra ta' motivazzjoni onlajn (massimu ta' 8 000 karattru) bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex jiġi kkonfermat il-ħolqien tal-fajl tiegħek u biex tkun infurmat bl-eżitu tal-proċedura tal-għażla. Jekk jogħġbok informa lill-Kummissjoni Ewropea f'każ li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jinbidel.

Hekk kif tlesti l-applikazzjoni tiegħek, int tirċievi numru ta' reġistrazzjoni; żomm dan in-numru, peress li jintuża biex tiġi kkuntattjat matul il-proċedura tal-għażla. Meta tirċievi numru ta' reġistrazzjoni, tkun taf li tkun irreġistrajt id-dejta kollha b'mod korrett u li l-proċess tal-applikazzjoni huwa mitmum.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Nru 422/67/KEE: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1967R0422:20040501:EN:PDF> kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom), Nru 904/2012; <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2012:269:0001:0002:MT:PDF>.

⁽⁵⁾ Ara l-Artikolu 66 tar-REGOLAMENT Nru 31(KEE), 11(KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 45, 14.6.1962, p. 1385).

Innota li **mhuwix** possibbli li ssegwi l-progress ta' kull applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek direttament.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, il-komunikazzjonijiet kollha lill-kandidati dwar din il-proċedura tal-għażla jkunu bl-Ingliż biss.

Tistennix sal-aħħar ftit jiem qabel l-iskadenza biex tapplika, peress li konġestjoni qawwija fuq l-Internet jew diffikultajiet ta' konnessjoni jista' jwassal għal problemi.

Kull kwistjoni għal aktar informazzjoni jew fil-każ ta' problemi tekniċi, għandhom jintbagħtu bl-e-mail lil: HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Kandidati b'diżabbiltà li ma tippermettilhomx jirreġistraw onlajn, jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) bil-posta rreġistrata⁽⁶⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni suss egwenti bejn il-kandidat u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jridu jehmżu ċertifikat, maħruġ minn entità rikonoxxuta, li jiċċertifika d-diżabbiltà tagħhom. Il-kandidati għandhom isemmu wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġamenti speċjali li jgħid li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-selezzjoni.

Data tal-Għeluq

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet: it-3 ta' Settembru 2014. Ir-reġistrazzjoni onlajn ma tkunx possibbli wara 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' dan il-post battal permezz ta' pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biss.

Protezzjoni ta' dejta personali

Il-Kummissjoni u l-Bord se jiżguraw li d-dejta personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta⁽⁷⁾.

⁽⁶⁾ Indirizz: European Commission, Directorate General Human Resources and Security, Unit for Executive Staff and CCA Secretariat, SC11 8/35, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

⁽⁷⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

IL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI**AVVIŻ TA' POST BATTAL****VIĊI PRESIDENT (DIRETTUR TAL-FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI U S-SERVIZZI KORPORATTIVI)****COM/2014/10360**

(2014/C 217 A/02)

Il-Bord

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") bħala parti mill-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR), se jkun wieħed mill-elementi ewlenin tal-Unjoni Bankarja l-għdida tal-Ewropa, flimkien mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. L-Unjoni Bankarja hija essenzjali biex is-swieq bankarji tal-Ewropa jaħdmu aħjar, u biex tinkiser ir-rabta bejn il-banek u l-finanzi nazzjonali.

Il-MUR huwa mfassal biex jipprovdi lill-Ewropa b'qafas effiċjenti u effettiv għar-riżoluzzjoni tal-banek u jiżgura li r-regoli tar-riżoluzzjoni jiġu applikati b'mod konsistenti fiż-Żona tal-Euro u fi Stati Membri oħra parteċipanti fl-Unjoni Bankarja.

Il-Bord se jwettaq kompiti speċifiċi biex iħejji u jwettaq ir-riżoluzzjoni ta' bank li jkun qed ifalli jew li probabbli li jfalli. Se jkun stabbilit Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni taħt il-kontroll tal-Bord biex jiżgura li jkun hemm appoġġ ta' fondi disponibbli fuq perjodu medju filwaqt li tkun qed tiġi ristrutturata u/jew riżolta istituzzjoni ta' kreditu

Il-post battal – Viċi President

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla għal pożizzjoni ta' Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) tal-Bord. Il-post tal-impjeg jkun Brussell (il-Belġju), fejn il-Bord ikollu s-sede tiegħu.

Din il-proċedura ta' għażla hija suġġetta għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-MUR. Dan tal-aħħar huja mistenni fit-tielet kwart tal-2014.

Il-Viċi President jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tal-Bord. Hu jrid jirrapporta perjodikament lill-President dwar il-kontribut individwali tiegħu.

Il-Viċi President jassisti lill-President fl-eżerċitar tal-ġestjoni tal-bord, b'mod partikolari fir-rigward tal-persunal kollu u ta' kwistjonijiet baġitarji, l-implimentazzjoni tal-programm annwali ta' ħidma, u l-amministrazzjoni ta' kuljum.

Iwettaq il-funzjonijiet tal-President fil-każ ta' assenza jew impediment raġonevoli li jaffettwaw lil dan tal-aħħar.

Barra minn hekk, il-Viċi President imexxi d-Direttorat għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u għas-Servizzi Korporattivi. B'mod partikolari huwa:

- jwaqqaf id-Direttorat u jiżgura t-tħaddim mingħajr xkiel u effettiv tiegħu;
- jamministra l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, il-politika u l-istrategġija ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu, u l-flussi tal-flus relatati miegħu;
- jiżgura l-ippjanar adegwat u r-rappurtar ta' riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi u l-allokazzjoni korretta tagħhom għall-attivitajiet varji tal-Bord;
- jikkontribwixxi, bħala membru tal-maniġment superjuri, biex tiġi determinata d-direzzjoni futura tal-Bord;
- jikkoordina l-ipprogrammar tal-ħidma fil-livell ta' Direttorat, l-istabbiliment ta' objettivi u d-determinazzjoni tal-prijoritajiet fil-qafas tal-ippjanar strateġiku ġenerali tal-Bord;
- jikkoordina l-ħidma tal-unitajiet li jinkludu d-Direttorat, jimmotiva u jagħti appoġġ lill-middle managers biex jiksbu l-objettivi tagħhom u jilħqu l-potenzjal tagħhom flimkien ma' dak tal-membri tal-persunal tagħhom;

- jiżgura l-ilħuq tal-oġġettivi tad-Direttorat skont l-iskadenzi meħtieġa u l-istandards ta' kwalità, u jimmonitorja, jevalwa u jirrapporta b'mod regolari dwar il-progress;
- jiżgura kooperazzjoni u komunikazzjoni mingħajr xkiel ma' Diretturi u Direttorati oħra; jippromwovi l-orjentazzjoni tal-klijenti lejn il-klijenti interni u esterni tad-Direttorat; kif ukoll
- jikkomunika u jżomm relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet jew korpi tal-UE u kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat dwar kwistjonijiet fil-qasam ta' kompetenza tad-Direttorat.

Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-fażi tal-għażla, il-kandidati jridu jilħqu l-kriterji formali li ġejjin sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:

- *Nazzjonalità*: ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- *Lawrja jew diploma universitarja*: ikollhom
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar; jew
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati minn diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena fejn il-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali wara l-kisba tal-lawrja meħtieġa hawn taħt)
- *Esperjenza professjonali*: ⁽¹⁾ ikollhom mill-inqas 20 sena esperjenza professjonali postuniversitarja wara l-kisba tal-kwalifika msemmija hawn fuq.
- *Esperjenza professjonali rilevanti*: mill-20 sena esperjenza professjonali, il-kandidati jridu jkun kisbu mill-inqas ħames snin ta' esperjenza f'oqsma rilevanti għas-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- *Esperjenza ta' maniġment fl-livell għoli*: ikollhom mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali ta' tmexxija ta' organizzazzjoni f'pożizzjoni eżekuttiva ta' livell għoli ⁽²⁾; kif ukoll
- *Lingwi*: ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' mill-inqas lingwa uffiċjali oħra ⁽³⁾.

Ma hemm **l-ebda** limitu ta' età.

Kriterji tal-għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

- għarfien profond tas-settur bankarju u finanzjarju;
- esperjenza mill-aqwa f'waħda jew aktar minn dawn l-oqsma: is-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- l-għarfien tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll proċessi Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-Bord;

⁽¹⁾ L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data li fiha l-kandidat kiseb il-kwalifika minima għal aċċess għall-profil inkwistjoni. Attivitajiet professjonali dokumentati kif xieraq biss (jiġifieri impjeg imħallas jew impjeg indipendenti) jiġu kkunsidrati. Xogħol part-time jitqies fi proporzjon mal-perċentwal ta' sigħat ta' xogħol full-time maħduma. Perjodi ta' edukazzjoni jew taħriġ u apprendistati bla ħlas ma jiġux ikkunsidrati. Boroż ta' studju, attivitá ffinanzjata permezz ta' għotjiet kif ukoll Dottorati jistgħu jitqiesu bħala esperjenza professjonali sa massimu ta' tliet snin.

⁽²⁾ Il-kandidati huma espliċitament mitluba li jindikaw għal kull pożizzjoni ta' ġestjoni/ta' tmexxija miżmuma: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet miżmuma; (2) l-għadd ta' persunal li l-kandidati kienu responsabbli minnhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits immaniġjati; u (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi fuqhom u taħthom u l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽³⁾ Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU P 17, 6.10.1958, p. 385).

- esperjenza b'suċċess fit-tmexxija ta' timijiet kbar bi sfondi f'ħafna dixxiplini fuq livell manigġerjali għoli u l-immotivar tal-persunal biex jagħti livelli għolja ta' prestazzjoni;
- il-kapaċità li jiżviluppaw u jimplimentaw viżjoni strateġika;
- sens ta' responsabbiltà u inizzjattiva eċċellenti;
- esperjenza ta' ġestjoni ta' riżorsi baġitarji, finanzjarji u umani f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali;
- ħiliet ippruvati fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell operattiv;
- ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonalni eċċellenti;
- ħiliet ta' negozjar eċċellenti u l-abbiltà li jibnu relazzjonijiet ta' ħidma ta' fiduċja ma' rappreżentanti ta' livell għoli ta' partijiet interessati rilevanti; kif ukoll
- għarfien tajjeb tal-Ingliš u ħiliet eċċellenti ta' preżentazzjoni.

Esperjenza ppruvata f'pożizzjoni ta' tmexxija f'Bank Ċentrali jew Awtorità tar-Riżoluzzjoni tkun ta' vantaġġ.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) għandu jaġixxi b'mod indipendenti u biss fl-interess tal-Unjoni u ma jista' la jfittex u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni Ewropea, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat.

Ladarba jinħatar, hu se jkun professjonista full-time u ma jista' jkollu l-ebda uffiċċju ieħor fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

Huwa se jkun mitlub li jippreżenta:

- dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku; kif ukoll
- dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

Il-kandidati jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

L-GĦAŻLA U L-ĦATRA

1. Il-Kummissjoni Ewropea twaqqaf bord tal-għażla li jivvaluta l-applikazzjonijiet kollha. Il-kandidati li huma kkunsidrati li għandhom il-profil l-aktar xieraq għall-funzjoni ta' Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) tal-Bord jissejħu għal intervista ma' dan il-bord tal-għażla.
2. Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-għażla jfassal l-ewwel lista ta' kandidati, ibbażata fuq il-merti tagħhom u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż tal-post battal.
3. Dawn il-kandidati jiġu mistiedna għal intervista ma' wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea.
4. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' dan il-proċess ta' għażla, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista mqassra ta' kandidati xierqa għall-funzjoni ta' Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) tal-Bord. Din il-lista mqassra tintbagħat lill-Parlament Ewropew; fl-istess ħin, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiġi infurmat.
5. Il-Kummissjoni Ewropea mbagħad tibgħat proposta għall-ħatra ta' Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi korporattivi) tal-Bord lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
6. Wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, il-Kunsill jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jaħtar il-Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) tal-Bord. Il-Kunsill jaġixxi b'magħġoranza kkwalifikata.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija l-bażi li fuqha l-proposta tal-Kummissjoni għall-ħatra ta' Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) tal-Bord lill-Parlament Ewropew tiġi stabbilita. L-inklużjoni fil-lista mqassra li tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew jew fil-proposta għal ħatra mhijiex garanzija ta' ħatra. Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tal-kandidati li ladarba tiġi adottata mill-Kummissjoni, l-lista mqassra tista' ssir disponibbli għall-pubbliku.

Opportunitajiet indaqs

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) jinħatar għal perjodu mhux rinnovabbli ta' ħames snin.

Il-Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) jitqies fuq l-istess livell ta' Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-emolumenti u l-età pensjonabbli, kif stipulat fir-Regolament Nru 422/67/KEE ⁽⁴⁾. Is-salarju tiegħu/tagħha jku n ibbażat fuq il-grad AD16, livell 3, soġġett għal fattur ta' multiplikazzjoni uguali għ al 112,5 % tas-salarju għal dak il-grad u l-livell ⁽⁵⁾ Madan kollu, hu/hi ma jkunx/ma tkunx soġġett/a għal età massima tal-irtirar Għall-kundizzjonijiet tal-impjieg l-oħra kollha, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra japplikaw b'analoġija.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell, fejn se jkun ibbażat il-Bord.

KIF TAPPLIKA

Hu nota:

Il-kariga ta' Viċi President (Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Servizzi Korporattivi) tal-Bord hija ppubblikata b'mod konkomitanti mal-funzjoni ta' President u mal-erba' funzjonijiet ta' Membru tal-Bord. Jekk tixtieq tapplika għal kwalunkwe minn dawn il-funzjonijiet l-oħra (President jew Membru tal-Bord) jkollok bżonn tagħmel applikazzjonijiet separati.

Qabel ma tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek, ivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibilità kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' kwalifiki meħtieġa kif ukoll l-esperjenza professjonali u maniġerjali.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru permezz tal-internet billi tmur fil-websajt:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-riżorsi/seniormanagementvacancies/>

Trid toħloq profil u segwi l-istruzzjonijiet.

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, trid ittella' CV f'format word jew PDF, u tikteb ittra ta' motivazzjoni onlajn (massimu ta' 8 000 karattru) bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex jiġi kkonfermat il-ħolqien tal-fajl tiegħek u biex int tinżamm infurmat dwar l-eżitu tal-proċedura tal-għażla. Informa lill-Kummissjoni Ewropea f'każ li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jinbidel.

Hekk kif tlesti l-applikazzjoni tiegħek, int tirċievi numru ta' reġistrazzjoni; żomm dan in-numru, peress li jintuża biex tiġi kkuntattjat aktar 'il quddiem matul il-proċedura tal-għażla. Meta tirċievi numru ta' reġistrazzjoni, tkun taf li rreġistrajt id-dejta kollha b'mod korrett u li l-proċess tal-applikazzjoni huwa mitmum.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Nru 422/67/KEE: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1967R0422:20040501:EN:PDF> kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 904/2012: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2012:269:0001:0002:EN:PDF>.

⁽⁵⁾ Ara l-Artikolu 66 tar-Regolament Nru 31(KEE), 11(KEEA), li jstabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 45, 14.6.1962, p. 1385) .

Innota li **mhuwiex** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek direttament.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, il-komunikazzjonijiet kollha lill-kandidati dwar din il-proċedura tal-għażla jkunu bl-Ingliż biss.

Tistennix sal-aħħar ftit jiem qabel l-iskadenza biex tapplika, peress li konġestjoni qawwija fuq l-Internet jew diffikultajiet ta' konnessjoni jistgħu jwasslu għal problemi.

Kull kwistjoni għal aktar informazzjoni jew fil-każ ta' problemi tekniċi, għandhom jintbagħtu bl-e-mail lil: HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Kandidati b'diżabbiltà li ma tippermettilhomx jirreġistraw onlajn, jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) bil-posta rreġistrata⁽⁶⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni suss egwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jridu jehmżu ċertifikat, maħruġ minn entità rikonoxxuta, li jiċċertifika d-diżabbiltà tagħhom. Il-kandidati għandhom isemmu wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġamenti speċjali li jabsu li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-selezzjoni.

Data tal-Għeluq

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet: it-3 ta' Settembru/2014. Ir-reġistrazzjoni onlajn ma tkunx possibbli wara 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' dan il-post battal permezz ta' pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biss.

Protezzjoni ta' data personali

Il-Kummissjoni u l-Bord se jiżguraw li d-dejta personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta⁽⁷⁾.

⁽⁶⁾ Indirizz: European Commission, Directorate General Human Resources and Security, Unit for Executive Staff and CCA Secretariat, SC11 8/35, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

⁽⁷⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

IL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI**AVVIŻ TA' POST BATTAL****MEMBRU TAL-BORD (DIRETTUR TAL-ISTRATEĠIJA U L-KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKI)****COM/2014/10361**

(2014/C 217 A/03)

Il-Bord

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") bħala parti mill-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR), se jkun wieħed mill-elementi ewlenin tal-Unjoni Bankarja l-ġdida tal-Ewropa, flimkien mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. L-Unjoni Bankarja hija essenzjali biex is-swieq bankarji tal-Ewropa jaħdmu aħjar, u biex tinkiser ir-rabta bejn il-banek u l-finanzi nazzjonali.

Il-MUR huwa mfassal biex jipprovdi lill-Ewropa b'qafas effiċjenti u effettiv għar-riżoluzzjoni tal-banek u jiżgura li r-regoli tar-riżoluzzjoni jiġu applikati b'mod konsistenti fiż-Żona tal-Euro u fi Stati Membri oħra parteċipanti fl-Unjoni Bankarja.

Il-Bord se jwettaq kompiti speċifiċi biex iħejji u jwettaq ir-riżoluzzjoni ta' bank li jkun qed ifalli jew li probabbli li jfalli. Se jkun stabbilit Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni taħt il-kontroll tal-Bord biex jiżgura li jkun hemm appoġġ ta' fondi disponibbli fuq perjodu medju filwaqt li tkun qed tiġi ristrutturata u/jew riżolta istituzzjoni ta' kreditu.

Il-post battal

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla għall-kariga ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki). Il-post tal-impjeg huwa Brussell (il-Belġju), fejn il-Bord se jkollu s-sede tiegħu.

Din il-proċedura ta' għażla hija suġġetta għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-MUR. Din tal-aħħar hija mistennija fit-tielet kwart tal-2014.

Bħala Membru tal-Bord, il-kandidat magħżul jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tal-Bord u jipparteċipa fis-sessjonijiet plenarji u eżekuttivi tiegħu bid-dritt għall-vot. Hu jirrapporta perjodikament lill-President dwar il-kontribut individwali tiegħu.

Barra minn hekk, jamministra d-Direttorat għall-Istrateġija u l-Koordinazzjoni Politika. B'mod partikolari huwa:

- jwaqqaf id-Direttorat u jiżgura t-tħaddim effettiv u mingħajr xkiel tiegħu;
- jiżviluppa strateġija ċara u metodoloġija għall-attivitajiet ta' riżoluzzjoni tal-Bord u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni;
- jikkoordina l-attivitajiet ta' riżoluzzjoni tal-Bord, b'kooperazzjoni mill-qrib mad-Direttorati oħra, li jiżguraw il-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni;
- jikkontribwixxi, bħala membru tal-maniġment superjuri, biex tiġi determinata d-direzzjoni futura tal-Bord;
- jikkoordina l-ipprogrammar tal-ħidma fil-livell ta' Direttorat, jistabbilixxi l-oġġettivi u jiddetermina l-prijoritajiet fil-qafas ta' ppjanar strateġiku ġenerali tal-Bord;
- jikkoordina l-ħidma tal-unitajiet li jinkludu d-Direttorat, jimmotiva u jappoġġja l-middle managers fil-kisba tal-għanijiet tagħhom u fl-ilħiq tal-potenzjal tagħhom u dak tal-membri tal-persunal tagħhom;
- jiżgura l-kisba tal-għanijiet tad-Direttorat skont l-iskadenzi meħtieġa u l-istandards ta' kwalità, u jimmonitorja, jevalwa u jirrapporta b'mod regolari dwar il-progress;
- jiżgura kooperazzjoni u komunikazzjoni mingħajr xkiel ma' Diretturi u Direttorati oħra; jippromwovi l-orjentazzjoni tal-klijenti lejn il-klijenti interni u esterni tad-Direttorat; kif ukoll
- jikkomunika u jżomm relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet jew korpi tal-UE u ma' kull korp ieħor pubbliku jew privat dwar kwistjonijiet fil-qasam ta' kompetenza tad-Direttorat.

Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-fażi tal-għażla, il-kandidati jridu jilhqqu l-kriterji formali li ġejjin sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:

- *Nazzjonalità*: ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- *Lawrja jew diploma universitarja*: ikollhom
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar; jew
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati minn diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena fejn il-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali wara l-kisba tal-lawrja meħtieġa hawn taħt);
- *Esperjenza professjonali*: ⁽¹⁾ ikollhom mill-inqas 20 sena esperjenza professjonali postuniversitarja wara l-kisba tal-kwalifiki msemmija hawn fuq;
- *Esperjenza professjonali rilevanti*: mill-20 sena esperjenza professjonali, il-kandidati jridu jkun kisbu mill-inqas ħames snin ta' esperjenza foqhma rilevanti għas-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- *Esperjenza ta' management fl-livell għoli*: jkollhom mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali ta' tmexxija ta' organizzazzjoni f'pożizzjoni eżekuttiva ta' livell għoli ⁽²⁾; kif ukoll
- *Lingwi*: irid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' mill-inqas lingwa uffiċjali oħra ⁽³⁾.

Ma hemm **l-ebda** limitu ta' età.

Kriterji tal-għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

- għarfien profond tas-settur bankarju u finanzjarju;
- esperjenza mill-aqwa f'waħda jew aktar minn dawn l-oqsma: is-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- għarfien tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll proċessi Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-Bord;
- esperjenza b'suċċess fit-tmexxija ta' timijiet kbar bi sfondi f'ħafna dixxiplini fuq livell maniġerjali għoli u l-motivazzjoni tal-persunal biex jagħti livelli għolja ta' prestazzjoni;
- il-kapaċità li jiżviluppaw u jimplimentaw viżjoni strateġika;
- sens ta' responsabbiltà u inizzjattiva mill-aqwa;
- ħiliet ippruvati fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell operattiv;
- ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonalni eċċellenti;

⁽¹⁾ L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data li fiha l-kandidat kiseb il-kwalifika minima għal aċċess għall-profil inkwistjoni. Attivitajiet professjonali biss iddokumentati kif xieraq (jiġifieri impjeg imħallas jew impjeg indipendenti) jiġu kkunsidrati. Xogħol part-time jitqies fi proporzjon mal-perċentwal ta' siġhat ta' xogħol full-time maħduma. Perjodi ta' edukazzjoni jew taħriġ u apprendistati bla ħlas ma jiġux ikkunsidrati. Boroż ta' studju, attività ffinanzjata permezz ta' għotjiet kif ukoll Dottorati jistgħu jitqiesu bħala esperjenza professjonali sa massimu ta' tliet snin.

⁽²⁾ Il-kandidati huma espliċitament mitluba jindikaw għal kull pożizzjoni ta' ġestjoni/ta' tmexxija miżmuma: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet miżmuma; (2) in-numru ta' persunal li l-kandidati kienu responsabbli minnhom f'dawn il-pożizzjonijiet, (3) id-daqs tal-baġits immaniġġjati; u (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi fuqhom u taħtom u l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽³⁾ Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 17, 6.10.1958, p. 385).

- ħiliet ta' negozjar eċċellenti u l-abbiltà li jibnu relazzjonijiet ta' ħidma b'fiduċja ma' rappreżentanti għolja tal-partijiet interessati rilevanti; kif ukoll
- għarfien tajjeb tal-Ingliš u ħiliet eċċellenti ta' preżentazzjoni.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni biss u la jistgħu jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni Ewropea, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat.

Ladarba jinħatar, ikun professjonista full-time u ma jista' jkollu ebda uffiċċju ieħor fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

Hu jkun meħtieġ li jissottometti qabel il-ħatra:

- dikjarazzjoni ta' impenn li se jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku; kif ukoll
- dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu/tagħha.

Il-kandidati jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

L-GĦAŻLA U L-ĦATRA

1. Il-Kummissjoni Ewropea twaqqaf bord tal-għażla li jivvaluta l-applikazzjonijiet kollha. Il-kandidati li huma kkunsidrati li għandhom il-profil l-aktar xieraq għall-funzjoni ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) jissejħu għal intervista ma' dan il-bord tal-għażla.
2. Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-għażla jfassal l-ewwel lista ta' kandidati, ibbażata fuq il-merti tagħhom u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż ta' post battal. Dawn il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet tal-Kummissjoni Ewropea (CCA). Qabel dawn l-intervisti, il-kandidati jridu jgħaddu minn ċentru ta' valutazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ.
3. Il-Kumitat Konsultattiv tal-Ħatriet jadotta lista mqassra. Dawn il-kandidati jiġu mistiedna għal intervista ma' Membru wieħed jew aktar tal-Kummissjoni Ewropea.
4. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' dan il-proċess ta' għażla, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista mqassra ta' kandidati xierqa għall-funzjoni ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki). Din il-lista mqassra tintbagħat lill-Parlament Ewropew; fl-istess ħin, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiġi infurmat.
5. Il-Kummissjoni Ewropea mbagħad tibgħat proposta għall-ħatra ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
6. Wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, il-Kunsill jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jaħtar Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki). Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

Din is-sejħa għal applikazzjonijiet hija l-bażi li fuqha tiġi stabbilita l-proposta tal-Kummissjoni għall-ħatra ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) lill-Parlament Ewropew. L-inklużjoni fil-lista mqassra li tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew jew fil-proposta għal ħatra mhijiex garanzija ta' ħatra. Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tal-kandidati li ladarba l-lista mqassra tiġi adottata mill-Kummissjoni, hija tista' tkun disponibbli għall-pubbliku.

Opportunitajiet indaqs

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) jinħatar għal perjodu mhux rinnovabbli ta' ħames snin.

Il-Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) jitqies fuq l-istess livell tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-emolumenti u l-età pensjonabbli, kif stipulat fir-Regolament Nru 422/67/KEE ⁽⁴⁾. Is-salarju tiegħu jkun ibbażat fuq il-grad AD16, livell 3, soġġett għal fattur ta' multiplikazzjoni ugwali għal 101 % tas-salarju għal dak il-grad u l-livell ⁽⁵⁾. Madankollu, h u ma jkunx soġġett għal età massima tal-irtirar. Għall-kundizzjonijiet tal-impjieg l-oħra kollha, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra japplikaw b'analoġija.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell, fejn se jkun ibbażat il-Bord.

KIF TAPPLIKA**Hu nota:**

Il-pożizzjoni ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) tiġi ppubblikata flimkien mal-funzjoni ta' President, Viċi President u tliet funzjonijiet ta' Membru (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) tal-Bord. Jekk tixtieq tapplika għal kwalunkwe funzjoni oħra minn dawn il-funzjonijiet (President, Viċi President jew Membru (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) tal-Bord) ikollok b'żonn tagħmel applikazzjonijiet separati.

Qabel ma tippreżenta applikazzjoni, ivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibiltà kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' kwalifiki meħtieġa kif ukoll l-esperjenza professjonali u manijerjali.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru permezz tal-Internet billi tmur fil-websajt:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

Trid toħloq profil u ssegwi l-istruzzjonijiet.

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, trid ittella' CV f'format Word jew PDF, u tikteb ittra ta' motivazzjoni onlajn (massimu ta' 8 000 karattru) bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex jiġi kkonfermat il-ħolqien tal-fajl tiegħek u biex tkun infurmat bl-eżitu tal-proċedura tal-għażla. Jekk jogħġbok informa lill-Kummissjoni Ewropea f'każ li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jinbidel.

Hekk kif tlesti l-applikazzjoni tiegħek, int tirċievi numru ta' reġistrazzjoni; żomm dan in-numru, peress li jintuża biex tiġi kkuntattjat matul il-proċedura tal-għażla. Meta tirċievi numru ta' reġistrazzjoni, tkun taf li tkun irreġistrajt id-dejta kollha b'mod korrett u li l-proċess tal-applikazzjoni huwa mitmum.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

Innota li **mhuwiex** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat direttament dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, il-komunikazzjonijiet kollha lill-kandidati dwar dan il-post battal ikunu bl-Ingliż.

Tistenniex sal-aħħar ftit jiem qabel l-iskadenza biex tapplika, peress li konġestjoni qawwija fuq l-Internet jew diffikultajiet ta' konnessjoni jistgħu jwasslu għal problemi.

Kull kwistjoni għal aktar informazzjoni jew fil-każ ta' problemi tekniċi, għandha tintbagħat bl-e-mail lil: HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Nru 422/67/KEE: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1967R0422:20040501:EN:PDF> kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 904/2012: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2012:269:0001:0002:EN:PDF>.

⁽⁵⁾ Ara l-Artikolu 66 tar-REGOLAMENT Nru 31(KEE), 11(KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 45, 14.6.1962, p. 1385).

Kandidati b'diżabbiltà li ma tippermettilhomx jirreġistraw onlajn, jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) bil-posta rreġistrata ⁽⁶⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni suss egwenti bejn il-kandidat u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jridu jehmżu ċertifikat, maħruġ minn entità rikonoxxuta, li jiċċertifika d-diżabbiltà tagħhom. Il-kandidati għandhom isemmu wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġamenti speċjali li jaħsbu li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-selezzjoni.

Data tal-Għeluq

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet: it-3 ta' Settembru 2014. Ir-reġistrazzjoni onlajn ma tkunx possibbli wara 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' dan il-post vakanti permezz ta' pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biss.

Protezzjoni ta' dejta personali

Il-Kummissjoni u l-Bord se jiżguraw li d-dejta personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽⁷⁾.

⁽⁶⁾ Indirizz: European Commission, Directorate General Human Resources and Security, Unit for Executive Staff and CCA Secretariat, SC11 8/35, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

⁽⁷⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p 1.

IL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI**AVVIŻ TA' POST BATTAL****MEMBRU TAL-BORD (DIRETTUR TAL-IPPJANAR TAR-RIŻOLUZZJONI U D-DEĊIŻJONIJET)****COM/2014/10362**

(2014/C 217 A/04)

Il-Bord

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord") bħala parti mill-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR), se jkun wieħed mill-elementi ewlenin tal-Unjoni Bankarja l-ġdida tal-Ewropa, flimkien mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. L-Unjoni Bankarja hija essenzjali biex is-swieq bankarji tal-Ewropa jaħdmu aħjar, u biex tinkiser ir-rabta bejn il-banek u l-finanzi nazzjonali.

Il-MUR huwa mfassal biex jipprovdi lill-Ewropa b'qafas effiċjenti u effettiv għar-riżoluzzjoni tal-banek u jiżgura li r-regoli tar-riżoluzzjoni jiġu applikati b'mod konsistenti fiż-Żona tal-Euro u fi Stati Membri oħra parteċipanti fl-Unjoni Bankarja.

Il-Bord se jwettaq kompiti speċifiċi biex iħejji u jwettaq ir-riżoluzzjoni ta' bank li jkun qed ifalli jew li probabbli li jfalli. Se jkun stabbilit Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni taħt il-kontroll tal-Bord biex jiżgura li jkun hemm appoġġ ta' fondi disponibbli fuq perjodu medju filwaqt li tkun qed tiġi ristrutturata u/jew riżolta istituzzjoni ta' kreditu.

Il-post battal

Il-Kummissjoni Ewropea qed torganizza proċedura tal-għażla għal tliet funzjonijiet ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u Deċiżjonijiet). Il-post tal-impjeg ikun Brussell (il-Belġju), fejn il-Bord se jkollu s-sede tiegħu.

Din il-proċedura tal-għażla hija suġġetta għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-MUR. Din tal-aħħar hija mistennija fit-tielet kwart tal-2014.

Bħala Membru tal-Bord, il-kandidati li jintgħażlu jikkontribwixxu b'mod attiv fil-ħidma tal-Bord u jipparteċipaw fis-sessjonijiet plenarji u eżekuttivi tiegħu bid-dritt għall-vot. Dawn jirrappurtaw perjodikament lill-President dwar il-kontributi individwali tagħhom.

Barra minn hekk, il-kandidati li jirnexxu jimmaniġġaw kull wieħed mit-tliet Direttorati għall-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet. B'mod partikolari huma jkunu responsabbli li:

- jwaqqfu d-Direttorati u jiżguraw l-operat tagħhom mingħajr tfixkil u effettiv;
- imexxu u jidderieġu t-tnejn ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tad-Direttorat tagħhom;
- imexxu u jidderieġu t-tnejn tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tad-Direttorat tagħhom;
- jimmaniġġaw il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni;
- jikkontribwixxu, bħala membri tal-maniġment superjuri, biex tiġi determinata d-direzzjoni futura tal-Bord;
- jikkoordinaw l-ipprogrammar tal-ħidma fil-livell ta' Direttorat, jistabbilixxu l-oġettivi u jiddeterminaw il-prijoritajiet fil-qafas ta' pjanar strateġiku ġenerali tal-Bord;
- jikkooordinaw il-ħidma tal-unitajiet li jiffurmaw id-Direttorat tagħhom, jimmotivaw u jappoġġaw lill-middle managers fil-kisba tal-oġettivi tagħhom u jilhq u l-potenzjal tagħhom u dak tal-membri tal-persunal tagħhom;
- jiżguraw li jintlaħqu l-miri tad-Direttorat skont l-iskadenzi meħtieġa u l-istandards ta' kwalità, u jimmonitoraw, jevalwaw u jirrappurtaw b'mod regolari dwar il-progress;

- jiżguraw il-kooperazzjoni mingħajr tfixkil ma' Diretturi u Direttorati oħra; jippromwovu l-orjentazzjoni tal-klijenti lejn il-klijenti interni u esterni tad-Direttorat tagħhom; kif ukoll
- jikkomunikaw u jżommu relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet jew korpi tal-UE u ma' kull korp ieħor pubbliku jew privat dwar kwistjonijiet fil-qasam ta' kompetenza tad-Direttorat tagħhom.

Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-fażi tal-għażla, il-kandidati jridu jilhqqu l-kriterji formali li ġejjin sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:

- *Nazzjonalità*: ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- *Lawrja jew diploma universitarja*: ikollhom
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar; jew
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati minn diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena fejn il-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali wara l-kisba tal-lawrja meħtieġa hawn taħt);
- *Esperjenza professjonali* ⁽¹⁾: ikollhom mill-inqas 20 sena esperjenza professjonali postuniversitarja wara l-kisba tal-kwalifiki msemmija hawn fuq;
- *Esperjenza professjonali rilevanti*: mill-20 sena esperjenza professjonali, il-kandidati jridu jkun kisbu mill-inqas ħames snin ta' esperjenza f'oqsma rilevanti għas-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u r-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- *Esperjenza ta' management fl-livell għoli*: ikollhom mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali ta' tmexxija ta' organizzazzjoni f'pożizzjoni eżekuttiva ta' livell għoli ⁽²⁾; kif ukoll
- *Lingwi*: Il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' mill-inqas lingwa uffiċjali oħra ⁽³⁾.

Ma hemm l-ebda limitu ta' età.

Kriterji ta' għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

- għarfien profund tas-settur bankarju u finanzjarju;
- esperjenza mill-aqwa f'waħda jew aktar minn dawn l-oqsma: is-superviżjoni, ir-ristrutturazzjoni jew ir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji;
- għarfien tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, kif ukoll proċessi Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti għall-attivitàjiet tal-Bord;
- esperjenza fit-tmexxija b'suċċess ta' timijiet kbar bi sfondi f'ħafna dixxiplini fuq livell managerjali għoli u l-immotivar tal-persunal biex jagħti livelli għolja ta' prestazzjoni;
- il-kapaċità li jiżviluppaw u jimplementaw viżjoni strateġika;

⁽¹⁾ L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data li fiha l-kandidat kiseb il-kwalifika minima għal aċċess għall-profil inkwistjoni. Attivitàjiet professjonali dokumentati kif xieraq biss (jiġifieri impjeg imħallas jew impjeg indipendenti) jiġu kkunsidrati. Xogħol part-time jitqies fi proporzjon mal-perċentwal ta' sghat ta' xogħol full-time maħduma. Perjodi ta' edukazzjoni jew taħriġ u apprendistati bla ħlas ma jiġux ikkunsidrati. Boroż ta' studju, attività ffinanzjata permezz ta' għotjiet kif ukoll Dottorati jistgħu jitqiesu bħala esperjenza professjonali sa massimu ta' tliet snin

⁽²⁾ Il-kandidati huma mitluba li jindikaw għal kull pożizzjoni ta' ġestjoni/ta' tmexxija miżmuma: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet miżmuma; (2) l-għadd ta' persunal li kienu jaqgħu fir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits immaniġġati; u (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi fuqhom u taħthom u l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

⁽³⁾ Ir-Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU P 17, 6.10.1958, p. 385).

- sens ta' responsabbiltà u inizzjattiva mill-aqwa;
- ħiliet ippruvati fit-tehd ta' deċiżjonijiet, sew fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell operattiv;
- ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonalni eċċellenti;
- ħiliet ta' negozjar eċċellenti u l-abbiltà li jibnu relazzjonijiet ta' ħidma ta' livell għoli ta' fiduċja ma' rappreżentanti ta' partijiet interessati rilevanti; kif ukoll
- għarfien tajjeb tal-Ingliš u ħiliet eċċellenti ta' preżentazzjoni.

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-membri tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u biss fl-interess tal-Unjoni u la jistgħu jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni Ewropea, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn kull korpi ieħor pubbliku jew privat.

Ladarba jinħatru, huma jkunu professjonisti full-time u ma jista' jkollhom ebda uffiċċju ieħor fuq livell nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali.

Dawn ikunu meħtieġa li jissottomettu qabel il-ħatra:

- dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku; kif ukoll
- dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Il-kandidati jridu jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

L-GĦAŻLA U L-ĦATRA

1. Il-Kummissjoni Ewropea twaqqaf bord tal-għażla li jivvaluta l-applikazzjonijiet kollha. Il-kandidati li jkunu kkunsidrati li għandhom il-profil l-aktar xieraq għall-funzjoni ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) jissejħu għal intervista ma' dan il-bord tal-għażla.
2. Wara dawn l-intervisti, il-bord tal-għażla jfassal l-ewwel lista ta' kandidati, ibbażata fuq il-merti tagħhom u l-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-avviż ta' post battal. Dawn il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet tal-Kummissjoni Ewropea (KKĦ). Dawn il-kandidati, qabel dawn l-intervisti, iridu jgħaddu minn ċentru ta' valutazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ.
3. Il-Kumitat Konsultattiv tal-Ħatriet jadotta lista mqassra. Dawn il-kandidati jiġu mistiedna għal intervista ma' wieħed jew aktar Membri tal-Kummissjoni Ewropea.
4. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' dan il-proċess ta' għażla, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista qasira ta' kandidati xierqa għal kull wieħed mit-tliet funzjonijiet tal-Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet). Dawn il-listi mqassra huma trażmessi lill-Parlament Ewropew; fl-istess ħin, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiġi infurmat.
5. Il-Kummissjoni Ewropea mbagħad tressaq tliet proposti għall-ħatra ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
6. Wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, il-Kunsill deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex jaħtar il-Membri tal-Bord (id-Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet). Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu iktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

Din is-sejħa għal applikazzjonijiet hija l-bażi li fuqha l-proposta tal-Kummissjoni għall-ħatra ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) lill-Parlament Ewropew tiġi stabbilita. L-inklużjoni fil-lista li tiġi trażmessa lill-Parlament Ewropew jew fil-proposta għal ħatra mhijiex garanzija ta' ħatra. Il-kandidati għandhom jieħdu nota li ladarba tiġi adottata mill-Kummissjoni, il-lista mqassra tista' tkun disponibbli għall-pubbliku.

Opportunitajiet indaqs

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali.

Kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) jinħatar għal perjodu mhux rinnovabbli ta' ħames snin.

Il-Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) jitqies fuq l-istess livell tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-emolumenti u l-età pensjonabbli, kif stipulat fir-Regolament Nru 422/67/KEE ⁽⁴⁾. Is-salarju tiegħu/tagħha jku n ibbażat fuq il-grad AD16, livell 3, soġġett għal fattur ta' multiplikazzjoni ugwali għal 101 % tas-salarju għal dak il-grad u l-livell ⁽⁵⁾ Madankollu, hu ma jkunx soġġett għal età massima tal-irtirar. Għall-kundizzjonijiet tal-impjieg l-oħra kollha, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Aġenti Oħra japplikaw b'analoġija.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell (il-Belġju), fejn se jkun ibbażat il-Bord.

KIF TAPPLIKA

Hu nota:

It-tliet l-funzjonijiet ta' Membru tal-Bord (Direttur tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni u d-Deċiżjonijiet) huma ppubblikati flimkien mal-funzjoni ta' President, Viċi President u Membru (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) tal-Bord. Jekk tixtieq tapplika għal kwalunkwe miżura oħra minn dawn il-funzjonijiet (President, Viċi President jew Membru (Direttur tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni tal-Politiki) tal-Bord) ikollok b'żonn tagħmel applikazzjonijiet separati.

Qabel ma tippreżenta applikazzjoni, ivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibiltà kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' kwalifiki meħtieġa kif ukoll tal-esperjenza professjonali u manigġerjali.

L-applikazzjonijiet isiru permezz tal-Internet billi tmur fil-websajt:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-rizorsi/seniormanagementvacancies/>

Tista' tagħmel dan billi toħloq profil u segwi l-istruzzjonijiet.

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, trid ittella' CV f'format word jew PDF, u tikteb ittra ta' motivazzjoni onlajn (massimu ta' 8 000 karattru) bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex jiġi kkonfermat il-ħolqien tal-fajl tiegħek u biex tkun infurmat bl-eżitu tal-proċedura tal-għażla. Informa lill-Kummissjoni Ewropea f'każ li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jinbidel.

Hekk kif tlesti l-applikazzjoni tiegħek, int tirċievi numru ta' reġistrazzjoni; żomm dan in-numru, peress li jintuża biex tiġi kkuntattjat matul il-proċedura tal-għażla. Meta tirċievi numru ta' reġistrazzjoni, għandek tkun taf li tkun irreġistrajt id-dejta kollha b'mod korrett u li l-proċess tal-applikazzjoni huwa mitmum.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

Innota li **mhuwiex** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek direttament.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-għażla, il-komunikazzjonijiet kollha lill-kandidati dwar din il-proċedura tal-għażla tkun bl-Ingliż.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Nru 422/67/KEE: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1967R0422:20040501:MT:PDF> kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 904/2012: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2012:269:0001:0002:MT:PDF>.

⁽⁵⁾ Ara l-Artikolu 66 tar-REGOLAMENT Nru 31/KEE, 11/KEEA, li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 45, 14.6.1962, p. 1385).

Tistennixx sal-aħħar ftit jiem qabel l-iskadenza biex tapplika, peress li konġestjoni qawwija fuq l-Internet jew diffikultajiet ta' konnessjoni jistgħu jwasslu għal problemi.

Kull kwistjoni għal aktar informazzjoni jew fil-każ ta' problemi tekniċi, għandha tintbagħat bl-e-mail lil: HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Kandidati b'diżabbiltà li ma tippermettilhomx jirreġistraw onlajn, jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) bil-posta rreġistrata ⁽⁶⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni suss egwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jridu jehmżu ċertifikat, maħruġ minn entità rikonoxxuta, li jiċċertifika d-diżabbiltà tagħhom. Il-kandidati għandhom isemmu wkoll, fuq karta separata, kwalunkwe arranġamenti speċjali li jaħsbu li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fl-għażla.

Data tal-Għeluq

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet: it-3 ta' Settembru 2014. Il-r-eġistrazzjoni onlajn ma tkunx possibbli wara 12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' dan il-post battal permezz ta' pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biss.

Protezzjoni ta' dejta personali

Il-Kummissjoni u l-Bord jiżguraw li d-dejta personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ⁽⁷⁾.

⁽⁶⁾ Indirizz: European Commission, Directorate General Human Resources and Security, Unit for Executive Staff and CCA Secretariat, SC11 8/35, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

⁽⁷⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

REVIŻJONI TAL-ĠURNALI UFFIĊJALI C A “KOMPETIZZJONI”

(2014/C 217 A/05)

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5		180	
6		182	
11		185	
19		186	
21		188	
26		195	
27		207	
30	(PL)	209	(DE/EN/FR)
35		211	
41	(DE/EN/FR)	217	
42			
43			
46			
47			
48			
55			
56			
60			
62			
65			
73	(DE/EN/FR)		
74			
81			
88			
92	(DE/EN/FR)		
97			
98			
99			
108			
109			
116			
119			
133			
134			
136			
137	(DE/EN/FR)		
140			
145			
152			
160			
163			
164			
176			
178			

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT